MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 27/K7/2015 |
| Data: | It-Tlieta 17 ta' Frar 2015 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sna Romina Galea<br>Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Maurice Agius<br>Is-Sur Matthew Agius<br>Mark Aquilina, Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużat | Dr Alex Sciberras<br>Is-Sur Emanuel Brincat<br>Is-Sur Matthew Mangion, KAS |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 26/K7/2015

2. **Materji mill-Minuti**
3. **Korrispondenza**
4. **Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet**
5. **Approvazzjoni tal-Financial Statements 2014**
6. **Approvazzjoni tal-Baġit 2015**
7. **Kumitat Amministrattiv tas-Swatar**
8. **Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru**
9. **Affarijiet oħra jekk urġenti**
10. **Aġġornament**

**Seduta Numru 27/14**

**1327** **Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba lis-San Ġużepp.**

**1328** **Il-Kunsill għamel minuta silenzju b'rispett tas-Sur Cassar Naudi. Intqal li l-funeral kien ser isir il-Ħamis fis-2.30pm.**

**1** **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 26/K7/2014**

**1329** **Il-Minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.**

**2** **Materji mill-Minuti**

**1330** **Materja 1288: Fuq il-permess ta' Censu Farrugia ntqal li l-MEPA qed tistenna mill-KNPD għax kien hemm xi amendi oħra wara li ġew sottomessi pjanti oħra mill-Perit. Is-Sur Bartolo talab li ssir laqgħa mal-KNPD u li jkun preżenti l-Perit.**

**1331** **Materja 1290: Is-Segretarju qalet li hi kitbet lis-Sur Stivala u ma rċevietx risposta. Qalet li ma ngħatatx risposta mill-MTA jekk saritx spezzjoni u l-Kunsill qal li din hija xi ħaġa li trid tiġi nvestigata mill-MTA u m'għandux jidħol fiha l-Kunsill. Is-Sur Bartolo qal li mar fil-post u qal li hemm 'reception area' pero' qal li ma kienx hemm 'receptionist'. Qal ukoll li l-fethiet ta' l-għelieqi ta' dik iż-żona (li jgħatu għal fuq Triq L-Universita') ġew imbarrati bil-ġebel.**

**1332** **Materja 1291: Is-Sindku qalet li ma rċivietx risposta mingħand is-Sur Zahra u ser terġa tibgħat reminder.**

**1333** **Is-Sur Matthew Agius daħal fil-laqgħa. (17:46)**

**1334 Materja 1293: Is-Sur Selvaggi irringrazzja lill-Kunsill tax-xogħol li sar fi Triq is-Sarg.**

**1335 Materja 1294: Is-Sna Galea saqsiet fuq dawn u ntqal li nstabu bizzejjed biċċiet biex issir it-tiswija ta' dawn l-ispleeping police.**

**1336 Materja 1295: Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk ittieħdux xi passi fuq vetturi bil-pjanċi barranin. Is-Sindku qalet li fil-laqgħa tar-Reġjun saret diskussjoni fuq hekk. Is-Segretarju qalet li hi kitbet lit-TM tinformahom b'xi karozza u ngħatat risposta b'imejl li ser tintbgħat lill-Kunsilliera.**

**1337 Materja 1298: Is-Sur Selvaggi tkellem fuq il-proġett u l-affarijiet pendenti li baqa fejn il-Kunsill għadu ma ngħatax twegiba.**
**(b) – Il-Pelican Lights saru pero' ntqal li hemm rampa mimlija ilma u li meta jinżel l-ilma minn Triq Qrejten jinżel kollha ġol Pelican Crossing. Għadu jrid isir pont li ser jagħti aċċess mill-Pelican lights għall-ġnien tal-Pieta u l-Kunsilliera qalu li jaraw x'jiġri meta jkun lest ix-xogħol.**
**(c) Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq il-Crossing ta' Rue D'Argens u qal li din mhix skont il-liġi u appella lill-Kunsilliera biex titieħed deċiżjoni biex jitneħħew. Is-Sur Bartolo qal li għandha tintbgħat ittra bl-avukat u nżommu t-TM responsabbli ta' kull inċident li jista jsir. Is-Sindku qalet li hi kitbet lic-Chairperson tat-TM fuq diversi nuqqasijiet li kien hemm u qed tistenna risposta mingħandu. Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bollard, quddiem l-Għassa, li minħabba fiha s-sewwieqa ma jkunux jistgħu jaraw min qed jaqsam. Is-Sur Selvaggi talab li ssir Press Conference minħabba li iż-Żebra Crossing minħabba li sorsi mhux uffiċċjali mit-TM qalu li mhix skont il-liġi. Is-Sur Selvaggi qal li mportanti li jibdew jaħdmu t-'traffic lights' għax is-suċċess tal-proġett hu bbażat fuq dan. Intqal li l-problemi l-kbar li hemm huma l-ilmijiet li qed jinġemgħu fil-crossings, iż-Żebra Crossing ta' Triq D'Argens, il-bankina ta' quddiem l-Għassa u l-pelican lights f'Xatt L-Imsida.**

**1338 Is-Sur Matthew Agius ħareġ mill-laqgħa (18:02)**

**1339 Is-Sur Selvaggi rega semma r-Residential Parking. Hu qal li irid li s-Sindku taċċetta li l-Kunsill, bħala tim, joħorġu stqarrija għax ilhom jistennew risposta mill-Ministeru. Qal li ta' l-inqas nimplimentaw l-iskema fil-periferiji ta' L-Imsida. Qal li jrid risposta mingħand is-Sindku dwar jekk hux ser issir Press Conference. Qal li jekk din tkun fin-negattiv ser jibqa għaddej b'din l-inizjattiva imma xtaq li jkun informaha qabel.**

**1340 Is-Sur Matthew Agius daħal fil-laqgħa (18:06)**

**1341 Is-Sur Matthew Agius qabel mas-Sur Selvaggi u qal li l-Kunsill ilu sentejn jistenna risposta. Hu qal li din mhix kwistjoni ta' politika għax kieku kienet hekk kienu jaqbdu u jgħamlu stqarrija. Intqal li ser tintbħat l-imejl lil Ministru kif maqbul fl-aħħar laqgħa.**

**1342 Materja 1305: Is-Sur Maurice Agius reġa semma x-xogħol li hemm bżonn isir fi Triq D'Argens u ġie informat li ma sarx minħabba l-ilma li hemm. Qal li dejjem ikun hemm l-ilma u għalhekk hemm bżonn li ssir xi ħaġa għax ikun hemm anke riħa tinten bl-ilma qiegħed.**

**1343 Materja 1306: Is-Sur Matthew Agius talab li jekk il-Kunsill ma jingħatax risposta fuq il-Pulizija Pajżana fi żmien ħames tijiem nitolbu l-għajnuna tal-Kumissarju tal-Pulizija.**

**1344 Materja 1312: Intqal li l-attivita taż-żfin tal-Karnival kienet tajba, ma kienx hemm attendenza kbira imma xorta rnexxiet.**

**1345 Materja 1316: Fir-rigward tal-proċess tas-Segretarju Eżekuttiv intqal li tlett applikanti kienu eliġibbli u li saru l-intervisti nhar il-Ħamis 12 ta' Frar. Il-Bord ta' l-Għażla qed jipproponi li tiġi magħżula Orietta Masini Cardona li bħalissa għandha l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tar-Rabat. Intqal li din ilha taħdem fil-Kunsilli Lokali mill-bidu tagħhhom u għandha esperjenza f'rwoli diversi. Is-Sur Selvaggi saqsa għaliex tixtieq titlaq mir-Rabat u ntqal li xtaqet esperjenza ġdida, b'inqas laqgħat (minħabba li r-Rabat hemm żewġ Kumitati Amministrattivi) u li jkun hemm inqas żoni rurali. Intqal li kienet ppreparata ħafna għall-interview. Intqal ukoll li jkun hemm perjodu ta' 'probation'. Il-Kunsill approva l-għażla tal-Bord.**

**1346 Materja 1317: Intqal li l-laqgħa ma' Rachel Aquilina rigward it-telework ser issir nhar il-Ħamis. U l-Kunsill approva l-performance bonus ta' Marisa Xerri Demanuele għat-3 xhur li damet mal-Kunsill fl-2014.**

**1347 Materja 1318: Is-Sna Vassallo talbet approvazzjoni tal-Kunsill li meta tidħol lura wara l-Maternity Leave terġa tieħu x-xogħol li kellha qabel. Il-Kunsill approva.**

**1348 Materja 1319: Is-Segretarju qalet li ntbagħtet ittra lis-Sur Attard tal-kumpanija Pantalesco rigward it-tneħħija tar-'retention wall' fi Triq il-Ħarrub.**

**1349 Materja 1320: Is-Sur Bartolo qal li din il-materja ser tiġi diskussa aktar tard għax hemm korrispondenza mibgħut mill-Kumitat tal-**

Banda u qal li hu lest li joħroġ mill-laqgħa biex issir din id-diskussjoni.

1350 Materja 1324: Intqal li Gimgħa Msida ser titpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss. Is-Sur Matthew Agius talab li ssir laqgħa apparti qabel ma tiġi diskussa din il-materja fil-laqgħa tal-Kunsill.

1351 Intqal li l-ħaddiem tal-Kunsill ta' l-IPSL qiegħed kien l-isptar u għadu ma daħalx lura għax-xogħol. Barra minnhekk kien hemm diversi xogħolijiet li kellhom jitlestew fuq il-proġett tal-Lokalitajjiet Aktar Ħodor. Is-Sindku qalet li l-Ħamis ser iżur l-Imsida l-Ministru Leo Brincat biex jara x'sar u qalet li malli jkollha aktar dettalji tinforma lill-Kunsilliera kollha.

1352 Materja 1325: Il-Kunsill ġie informat li ġew approvati Pelican Lights fi Triq il-Wied u li dawn ser jiġu nstallati mit-TM.

## 3 Korrispondenza

1353 41/0240: Din l-ittra tikkonċerna permess ta' stabiliment f' Rue D'Argens biex jinbidel minn ħanut 4b għal ħanut 4c (Retail għal ħanut ta' l-ikel fejn ma jsirx tisjir). Is-Sur Maurice Agius talab li joħroġ minħabba li dan il-permess tikkonċerna t-triq tiegħu (18:27). Din l-ittra ntgħatet lil MEPA mir-residenti ta' l-akwata u ntbagħtet kopja lill-Kunsill. Ir-residenti qed jagħmlu oġġezzjoni li jinbidel l-użu ta' dan il-ħanut, u anke qed jiġbdu l-attenzjoni ta' l-awtoritajjiet li fil-preżent qed jopera mingħajr il-permessi neċessarji.

1354 Alan Abela Wadge daħal fil-laqgħa (18:30).

1355 Is-Segretarju qalet li diġa kienu ntbagħtu l-Pulizija jiċċekkjaw imma ġiet informata li kull meta marru sabuh magħluq. Sar qbil li l-Kunsill iddaħħal l-oġġezzjoni li l-istabiliment isir Restaurant minħabba li hemm ir-residenzi f'din iż-żona. Is-Sur Selvaggi qal li anke jekk il-permess jibqa dak ta' ħanut 'retail' ninsistu li jibqa b'ħinijet normali tal-ħwienet. L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ qal li ġieli għadda minn hemm fil-għaxija u raħ miftuħ bħala 'bar'. Is-Sur Maurice Agius daħal fil-laqgħa (18:36).

1356 41/0154: Il-Kunsill irċieva l-ftehim li l-Għaqda Melita Banda San Ġużepp għandu ma' min jaqla l-Bandisti. Intqal li min jixtieq ikun jista jieħu kopja.

**1357** **41/0233: Is-Sindku qrat l-ittra mibgħuta mill-Kumitat tal-Banda Melita San Ġużepp rigward il-programm ta' l-Għid. Qalet li fil-passat kienet issir l-attivita' Msida Flimkien li kienet attivita' tajba ħafna u li din qisha qed issir flok din l-attivita'. Intqal li din is-sena l-Aħħar Ċena, li hija tal-Każin tal-Partit Laburista, ser tintrema waqt il-wirja li ser issir fil-Kunsill. Il-kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet hija sabiħa. Il-Każin talbu l-kooperazzjoni tal-Kunsill biex il-programm ikun jista jitwettaq. L-attivitajjiet jinkludu Wirja ta' l-istatwi tal-Passjoni ta' Kristu u oġġetti sagri li ser issir fil-Kunsill Lokali, attivita' ta' għoti ta' Demm, Kunċert imtella mill-orkestra ta' l-istudenti tal-Junior College, attivita' fejn ser tipprova tinkisser record nazzjonali ta' mixgħela ta' xemgħat forma ta' salib u l-'Pageant'. Is-Sur Maurice Agius issuġġerixxa li ssir ġabra waqt il-Pageant biex tiġl koperta parti minn nefqa u s-Sur Matthew Agius qal li din m'għandiex issir f'kull waqfa. Is-Sur Bartolo ħareġ mill-laqgħa (18:51). Is-Sur Selvaggi qal li importanti li l-Każin jipprova jiġbor xi flus mingħand sponsors u qal li fix-Xatt tax-Xbiex hemm sitt kumpaniji . Is-Sur Abela Wadge qal li l-Kunsill jista jara x'jibqa spejjeż u jħallas din is-somma pero intqal li ma jistax isir hekk. Is-Sur Agius qal li minħabba li din l-attivita' ser tiġi organizzata flimkien mal-Kunsill il-Kunsill jista jalloka ammont li lest li joffri għall-kollaborazzjoni f'din l-attivita'. Intqal li l-Kunsill għandu joħroġ sa massimu ta' €500.00. Is-Sur Matthew Agius qal li l-attivita' għandha ssirilha Marketing tajjeb biex kemm jista jkun ikun hemm parteċipazzjoni ta' nies. Qal ukoll li f'kull attivita' li fiha jikkolabora l-Kunsill għandha ssir bil-ħsieb li jiġu milquta' diversi żoni ta' L-Imsida minħabba li kull attivita' dejjem issir fiż-żona tal-Knisja u tax-Xatt. Intqal li hemm żoni bħal ħdejn il-Junior College u l-Imsida Circus li messhom isiru xi attivitajjiet hemm ukoll. Is-Sur Selvaggi qal li messha tinbidel ir-rotta biex jiġu nklużi dawn iż-żoni u anke jistgħu tintalab il-parteċipazzjoni ta' aktar sponsors li jinsabu f'dawn l-akwati.**

**1358** **Is-Sur Bartolo daħal fil-laqgħa (19:00).**

**1359** **Il-Kunsill approva li jiġu allokati sa massimu ta' €500.00 biex jieħu sehem f'din l-attivita', pero' anke jintalbu sponsors biex l-ammont jinżel u li jsiru xi attivitajjiet f'diversi partijiet ta' l-Imsida. Is-Sur Bartolo qal li l-kunċert jista jsir għand il-Franġiskani.**

**1360** **41/0238: Is-Sur Maurice Agius talab informazzjoni fuq din il-korrespondenza u ġie nformat li din tirrigwarda laqgħa li għadha trid issir mal-Greenpak.**

**1361** **41/0245: Din l-ittra ntbagħtet wara li saret laqgħa mal-Ministeru MTI minħabba xogħolijiet li jridu jsiru fix-Xatt tax-Xbiex li ser isir mill-Ministeru. Qed jintalab informazzjoni dwar arranġamenti li jridu jsiru**

minħabba d-dgħajjes li jkun hemm marbuta fiż-żona. Intqal li l-proġett ser ikun jikkonsisti f'railing ġdid simili għal dak li hemm tax-Xbiex u ntqal li dan il-proġett isir mill-Gvern Ċentrali. Intqal li biex ikollhom aċċess għad-dgħajjes hemm bżonn issir xi tip ta' 'gate'. Sar qbil li issir laqgħa mal-Kumitat tas-Sajjieda biex jgħatu l-parir tagħħhom.

1362 41/0189: Din il-korrespondenza tirrigwarda ilment fuq 'Kingsland Mansions' fi Triq Victor Denaro. Intqal li l-Kunsill bagħat l-Eco Warden diversi drabi u anke għamel rapport il-MEPA dwar allegat ksur ta' permess. Is-Sur Matthew Agis talab li jkun jaf jekk is-Sur Joe Demarco marx fil-post. Qal li hemm bżonn li nibgħatu korrespondenza lill-amministrattur tal-blokk u qal li probabli jkun hemm letterbox apposta. Intqal li fejn qed qed jgħix il-barranin qed ikun hemm hafna skart barra. Is-Sna Galea qalet li Triq Censu Farrugia ma Misraħ il-Barrieri ukoll teżisti din il-problema. Is-Sur Maurice Agius qal li l-kollettur jgħamel gzuz bil-boroż ta' l-iskart u din qed toħloq problema. Is-Sur Selvaggi saqsa x'jiġri miċ-ċitazzjonijiet li jingħataw lill-barranin. Din l-informazzjoni ser tintalab lir-Reġjun.

1363 Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti (19:23).

1364 Saret kontinwazzjoni tal-laqgħa (19:38).

4 Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

1365 Is-Sur Matthew Agius talab biex f'numru 40 il-kelma 'Xmas' titniżżel 'Christmas'.

1366 Il-Pagamenti ġew approvati mill-Kunsill.

1367 Intalbet li ssir sospensjoni ta' l-Aġenda biex jiġu diskussi xi materji li kellhom jiġu diskussi fis-sezzjoni 'Affarijiet Oħra'. Il-Kunsill qabel.

5 Affarijiet Urġenti

1368 Is-Sur Matthew Agius qal li persuna li joqgħod fi Triq San Antnin għadu kif għamel operazzjoni u qed imur għal kura kuljum. Talab li isir parkeġġ 'Reserved' quddiem id-dar tiegħu b'mod temporanju. Hu qal li jekk imbgħad ikollu bżonn kura aktar fit-tul ikun jista japplika biex din tibqa permanenti. Il-Kunsill qabel.

1369 **Is-Sur Matthew Agius ħareġ mill-laqgħa (19:42).**

1370 **Sar qbil li titkompla l-Aġenda.**

5 **Approvazzjoni tal-Financial Statements 2014**

1371 **Il-Kunsill approva l-Financial Statements 2014.**

6 **Approvazzjoni tal-Baġit 2015**

1372 **Il-Kunsill approva l-Baġit tal-2015.**

7 **Kumitat Amministrattiv Swatar**

1373 **Sar qbil li din il-materja tinqabeż minħabba li ma seta jattendi ħadd mill-Kumitat tas-Swatar għal din il-laqgħa.**

8 **Informazzjoni minn laqgħat li saru**

1374 **Intalbet laqgħa mis-Sur Geoffrey Friggieri tal-Busy Bee fejn ressaq proposta ta' 'embellishment' biex jgħamel l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem l-istabiliment tiegħu. Intqal li s-Sur Friggieri ġie nformat li l-Kunsill jista' biss jgħati 'no objection' minħabba li dawn il-permessi regolati mill-MEPA, MTA u d-Dipartiment ta' l-Artijiet. Hu qed jitlob għal 2-3 parkeġġi. Intqal li, minbarra l-interess personali tiegħu, da nil-proġett ser isir bl-għan li tibda tissebbaħ x-Xatt fl-Imsida biex isir promenade bħal ma hemm fl-lokalitajjiet oħra. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u ntqal li problema ta' parking teżisti biss matul il-ġurnata f'din iż-żona. Is-Sur Abela Wadge qal li l-problema tkun li kullħadd jitħajar jgħamel l-imwejjed u s-siġġijiet jekk jitħalla wieħed. Qal li l-Kunsill jista jimplementa parkeġġ residenzjali fiż-żona biex tpatti għal din il-ħaġa. Qal ukoll li importanti li jekk issir din l-istruttura, ma jibdiex isir parkeġġ il-barra minnha. Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill m'għandux jaċċetta li din it-triq issir b'karreġjata waħda u qal li messu dan l-embellishment issir bħala extension fuq il-baħar. Is-Sur Bartolo qal li għandha ssir 'policy' biex kull min japplika għal dan it-tip ta' permess mhux sempliċiment joħroġ is-siġġijiet barra imma jagħmel embellishment taż-żona simili għal dak li qed jipproponi l-Busy Bee, biex iż-żona iżżomm livell preżentabbli. Is-Sur Selvaggi saqsa jekk il-Kunsill għandux jikteb lill-istabilimenti tax-Xatt u jsaqsi min hu interessat f'dan it-tip ta' tisbieħ. Intqal li min jixtieq imbgħad**

jagħmel l-applikazzjoni mal-Kunsill bħal ma għamel il-Busy Bee u tiġi kkonsidrata. Is-Sur Maurice Agius qal li l-Kunsill jista jissuġġerixxi li l-materjal li jintuża jkun dak riċiklat bħal ma għandu l-Kunsill fil-ġnien. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni għal dan it-tisbieħ.

1375 Il-Kunsill ġie nformat li saret laqgħa ma' kumpanjia EYELEAD fejn qed jiġi offrut s-servizz li din il-kumpanija tiegħu ħsieb kemm il-website u anke il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill. Sar qbil li dan is-servizz isir bi prova ta' erbgħa xhur. Is-Sur Maurice Agius qal li ma jaqbilx ma din id-deċiżjoni.

9 Affarijiet Oħra jekk Urġenti

1376 Il-Kunsill approva li jinxtara Assikurazzjoni tas-Saħħa offrut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Intqal li l-liġi tistipola li l-ħaddiema jkunu koperti b'din it-tip ta' assikurazzjoni.

1378 Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni fuq bollard li hemm fi Triq il-Prinċipessa Margerita li tgħalaq l-aċċess li biha wieħed jitlaq fuq il-bankina. Qal li għandha tinqala u ssir quddiem waħda mill-'planters'. Il-Kunsill qabel.

1379 Is-Sur Maurice Agius qal li fi Triq l-Irmiġġ hemm diversi karozzi mingħajr liċenzja mħallsa li qed jistennew li ssirilhom ż-żebgħa mill-isprayer li hemm f'din it-triq. Is-Sindku qalet li dan l-abbuż ġieli ġie rapurtat lill-pulizija u li s-Supretendent Mamo kienet hi stess involuta f'dan il-każ. Is-Sur Bartolo qal li hemm sprall ma jistax jinfetaħ minħabba l-karozzi li hemm.

1380 Is-Sna Galea qalet li fi Triq l-Irmiġġ ma Triq il-Karozzin hemm għalqa bit-tankijiet quddiema u ma jistax isir parkeġġ minħabba dawn it-tankijet. Intqal li jekk sempliċiment qed jiżgombraw l-aċċess ta' l-għalqa, biex ma jsirx ipparkjar hemm, jista jkun li tista ssir, speċjalment jekk hemm xi passaġġ għal ġo l-egħlieqi. Għandu jintbaħat Joe Demarco biex jiċċekja.

1381 Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li l-Bring In Sites tal-ħġieġ qed ikunu mimlija u li għandhom jitbatlu darbtejn fix-xahar. Qal ukoll li m'għandhomx stickers. Ġie ssuġġerit li l-GreenPak ikun jista jamalgama l-kollezzjoni ta' L-Imsida tal-ħġieġ tal-BIS ma' ta xi lokalita' oħra.

1382 Is-Sur Maurice Agius semma li sid l-istabilliment Ink Spot ingħata permess li juża żewġ parkeġġi fi żmien il-festa ta' San Valentinu. Qal

li barra minn hekk ma riedx iħalliħ jipparkja fuq l-Loading/Unloading Bay. Qal li hu ma jaqbilx li jingħata permess ta' dan it-tip.

1383 Is-Sur Maurice Agius qal li hemm it-tabelli ta' Light Vehicles Only fil-maqrut tax-Xatt ta' L-Imsida li għadhom ma twaħħlux. Qal li hemm billboard, bir-reklam ta' l-Aria li jrid jitneħħa immedjatament biex in-nies ikollhom passaġġ għall-'pelican lights'.

1384 Is-Sur Bartolo qal li fit-taraġ it-twill hemm problema minħabba li hemm residenti li qed jgħidu li l-ħwat tal-konkos huma propjeta' tagħhom. Qal li nsterqu xi rand minn dak li tħawwel bħala parti mill-proġett Lokalitajjiet aktar Ħodor. Is-Segretarju qalet li għandha konferma mid-Dipartiment ta' l-Artijiet li hemm propjeta tal-Gvern (bil-qsari b'kollox). Is-Sindku qalet li l-Ispettur investigat rapport li għamel il-Kunsill u ma sabetix rand. Is-Sur Bartolo qal li għandha issir fanal flok il-lampa tal-Gvern li hemm f'dak l-isqaq biex l-isqas jiġi komplut.

1385 Is-Sur Bartolo qal li jixtieq li ssir innu tal-lokalita' biex jindaq fl-okkazzjonijiet ta' l-Imsida. Qal li fl-2007 kienet saret kompetizjjoni u li sab l-applikazzjonijiet u sab wieħed tajjeb. Is-Sur Bartolo qara l-Innu waqt il-laqgħa u qal li huwa xogħol ta' Mario Grixti. Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bżonn li jissemma l-Patrun ta' L-Imsida.

1385a Is-Sur Bartolo qal li jixtieq li ssir irħama għal vittmi Misidjani tal-Gwerra. Is-Sur Maurice Agius qabel ma din il-proposta. Intqal li hija ideja tajba pero' li l-Kunsill għandu prioritajjiet oħra bħalissa.

1386 Is-Sur Selvaggi fakkar fil-bżonn li jsiru l-bankini ta' ħdejn l-Universita u r-rampi ta' L-Imsida Circus.

1387 Is-Sur Selvaggi qal li is-sitwazzjoni ta' ħdejn l-Wigwam qed tiggrava. Is-Sindku qalet li saret laqgħa ma' l-Ispettur il-ġdid pero' l-Kunsill qed dejjem jirrepeti l-istess affarijiet u azzjoni ma tittieħed qatt, anke wara diversi laqgħat ma' Spetturi differenti u mas-Supretendent Mamo.

1388 Is-Sur Selvaggi talab jekk, minħabba l-limitazzjonijet tal-baġit hux ser isiru toroq din is-sena. Ġie spjegat li l-Kunsill qed jippjana li jsiru Triq it-Torri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Santa Venera, Triq H Calleja Schembri, Triq tal-Qroqq, Triq Nazju Falzon u xi oħrajn, pero' għanhom jitħalsu matul ammont ta' snin. Il-Kunsill qed jistenna stimi mill-Perit biex ikun jista jibda proċess ta' Tender għal dawn ix-xogħolijiet.

1389 Is-Sindku pproponiet li jinbidlu d-dustbins li hemm fix-Xatt tax-Xbiex minħabba li dawk li hemm mhumiex attrazzati għat-tip ta' skart li

**jintrema f'dik iż-żona (eżempju kaxxi tal-pizzez). Ġew proposti bins tal-cast iron suwed li jiswew madwar €400 il-wieħed. Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill għandu jipprova jġib sponsor ta' kull dustbin.**

**1390** **Il-Kunsill iddiskuta d-data tal-laqgħa tal-Lokalita' pero' sar qbil li aħjar id-data tiġi miftehmha mas-Segretarju l-ġdid.**

**7** **Aġġornament**

**1391** **Sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu 2015.**

**1392** **Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-21:00.**

**Approvati llum ____________________**

**Margaret Baldacchino Cefai**
**Sindku**

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**